**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2011 — Anbouba vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-563/11)**

(2012/C 25/104)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Issam Anbouba (Homs, is-Sirja) (rappreżentanti: M.-A. Bastin u J. M. Salva, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara l-preżenti rikors ammissibbli fil-punti kollha tiegħu;

— tiddikjarah fondat fil-motivi kollha tiegħu;

— tgħid li l-atti kkontestati jistgħu jiġu annullati parzjalment peress li l-parti tal-atti li għandhom jiġu annullati tista' tinqata' mill-att kollu;

— konsegwentement.

  — tannulla parzjalment id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/522/PESK tat-2 ta' Settembru 2011, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/628/PESK tat-23 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 878/2011 tat-2 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja billi tneħħi l-isem ta' Issam ANOUBA u r-riferimenti għalih bħala sostenn tar-reġim attwali fis-Sirja,

  — fin-nuqqas, tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/522/PESK tat-2 ta' Settembru 2011, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/628/PESK tat-23 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 878/2011 tat-2 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja;

— fin-nuqqas, tiddikjara li dawn id-deċiżjonijiet u r-regolament ma humiex applikabbli fir-rigward ta' Issam ANOUBA u tordna t-tneħħija ta' ismu u tar-riferimenti għalih mil-lista tal-persuni li huma s-suġġett tal-miżuri sanzjonatorji tal-Unjoni Ewropea;

— tikkundanna lill-Kunsill għal EUR 1 bħala danni u interessi provviżorji bħala kumpens għad-dannu morali u materjali subiti minħabba li Issam ANOUBA ssemma bħala sostenn tar-reġim attwali fi-Sirja;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

(1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq:

  — minn naħa, ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza ggarantit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) u mill-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u

  — min-naħa l-oħra, żball manifest ta' evalwazzjoni, peress li l-akkużi kontra r-rikorrent huma bbażati mhux fuq fatti oġġettivi, imma fuq allegazzjonijiet sempliċi marbuta mal-pożizzjoni soċjali tiegħu bħala negozjant.

(2) It-tieni motiv, maqsum f'erba' partijiet, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal smigħ xieraq, tal-obbligu ta' motivazzjoni, tad-dritt għall-ħajja privata u fuq preġudizzju għal-libertà tar-reliġjon, sa fejn:

  — ir-rikorrent ma saritlu ebda komunikazzjoni ta' provi jew ta' indizzji serji li setgħu wasslu għall-iskrizzjoni tiegħu fil-lista tal-persuni ssanzjonati, u ma nstemax qabel l-adozzjoni tal-atti kkontestati;

  — il-konvenut sempliċement uża formulazzjoni ġenerali ħafna u fuq kollox mhux motivata fl-atti kkontestati meta huwa adotta miżuri restrittivi fir-rigward tar-rikorrent;

  — l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi fir-rigward tar-rikorrent setgħu jagħtu lok għal reazzjonijiet imqanqla u minaċċi minn persuni jew gruppi li kienu vittmi tar-repressjoni Sirjana, li magħha r-rikorrent ġie assoċjat wara l-atti kkontestati;

  — ir-raġuni vera tal-adozzjoni tal-miżuri restrittivi fir-rigward tar-rikorrent hija ta' natura reliġjuża.

---

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2011 — Farage vs Il-Parlament u Buzek**

**(Kawża T-564/11)**

(2012/C 25/105)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Nigel Paul Farage (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: P. Bennett, Solicitor)

*Konvenuti:* Il-Parlament Ewropew u Jerzy Buzek (Brussell, il-Belġju)

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tħassar id-deċiżjoni tal-President tal-Parlament Ewropew, Jerzy Buzek, tat-2 ta' Marzu 2010, li timponi fuq ir-rikorrent it-telf tal-jedd għall-allowance ta' sussistenza ta' kuljum għal għaxart'ijiem, kif ukoll id-deċiżjoni tal-bureau tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Marzu 2010 u tal-President tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Awwissu 2011, li jiddikjaraw bħala inammissibbli t-talba tar-rikorrent għal immunità parlamentari; u

— alternattivament, tiddikjara li l-ebda waħda mid-deċiżjonijiet suesposti ma hija valida jew li qatt ma kellha ssir.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv jallega ksur tal-Artikolu 8 tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2010 C 84, p. 99), peress li d-diskors tar-rikorrent tal-24 ta' Frar 2010 sar fil-kwalità tiegħu ta' membru tal-Parlament Ewropew. Bħala tali, id-diskors inkwistjoni għamel punti politiċi u huwa importanti ħafna li membru tal-Parlament Ewropew ikun jista' jitkellem b'mod liberu.

(2) It-tieni motiv jallega ksur tal-libertà tal-espressjoni peress li ma ġiex ikkunsidrat b'mod xieraq l-Artikolu 9(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew (ĠU 2011 L 116, p. 1).

(3) It-tielet motiv jallega ksur tad-dritt għal qorti indipendenti u imparzjali, kif sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, peress li kull parteċipazzjoni tal-President tal-Parlament fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'din il-kwistjoni, jew ta' xi ħaddieħor li kien preżenti matul is-sessjoni plenarja tal-24 ta' Frar 2010 u li kien ifforma opinjoni, tinibixxi lil tali persuna milli tieħu sehem f'dak il-proċess.

(4) Ir-raba' motiv jallega nuqqas ta' interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 152(1) u tal-Artikolu 153 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, peress li s-sanzjonijiet stabbiliti f'din l-aħħar dispożizzjoni għandhom jinqraw fil-kuntest tal-kliem tal-bidu tagħha li huma marbuta ma' każijiet serji ta' diżordni jew sfrattar "… bi ksur tal-prinċipji mniżżla fl-Artikolu 9 …".

---

## Rikors ippreżentat fl-4 ta' Novembru 2011 — Hassan vs Il-Kunsill

## (Kawża T-572/11)

(2012/C 25/106)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Samir Hassan (Damasku, is-Sirja) (rappreżentanti: E. Morgan de Rivery u E. Lagathu, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla, abbażi tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE):

  — id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/515/PESK, tat-23 ta' Awwissu 2011, li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, sa fejn din iżżid lil Samir Hassan mal-lista li tidher fl-anness tal-imsemmija Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/273/PESK, tad-9 ta' Mejju 2011, dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja;

  — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 843/2011, tat-23 ta' Awwissu 2011, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, sa fejn iżid lil Samir Hassan mal-lista li tidher fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 442/2011, tad-9 ta' Mejju 2011, dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja;

— tikkumpensa, abbażi tal-Artikoli 268 u 340 TFUE, id-danni kkawżati lil S. Hassan permezz tat-teħid kontrih tal-miżuri restrittivi msemmija iktar 'il fuq, kif ġej:

  — tirrikonoxxi r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għad-danni materjali subiti u futuri u d-danni morali;

  — tordna l-ħlas tas-somma ta' EUR 250 000 fix-xahar lil S. Hassan, mill-1 ta' Settembru 2011, sabiex jiġi kkumpensat għad-danni materjali subiti;

  — tordna l-ħlas ta' Euro (1) simbolika lil S. Hassan għad-danni morali subiti, u